# Meta l-pirjol tal-Karmnu kien ser jegħreq

**Prof. Stanley Fiorini**

Lejn il-bidu tas-seklu sbatax, daqs seklu u nofs minn wara li kienu tefgħu saqajhom f'Malta l-Karmelitani, riedu jduru dawra sew madwarhom biex iniżżlu f'dokument pubbliku l-propjetà kollha li kienu kisbu f'dawk il-150 sena. Li kien ħajjarhom jagħmlu dan kien l-eżempju ta' żewġ ordinijiet oħra – id-Dumnikani u l-Agostinjani – li kienu għadhom kemm indaħlu għall-istess biċċa xogħol. Il-komunità tal-Kunvent tal-Lunzjata, miġbura għad-daqq tal-qanpiena fil-bidu tas-sena 1612, jiġifieri, il-Pirjol, f'dik is-sena, Patri Sebastjan Tonna, is-Sottopirjol P. Pietru Agius, P. Tumas Mifsud, P. Ġakbu Farrugia u P. Stiefnu Burlò, saċerdoti, u l-lajk profess Indrì Mangion, li għal dik l-okkażjoni, minħabba l-gravità tad-deċiżjoni li riedet tittieħed, ingħaqad magħhom ukoll il-Pirjol tal-Belt P. Wistin Sapian, qatgħuha li jqabbdu lin-Nutar Andrea Allegritto biex jagħmlilhom deskrizzjoni sħiħa tal-proprjetà kollha li kellhom, sabiex dan id-dokument ikun jista' jibqa' għall-posterità bħala memorja.

Din l-intrapriża ma kinitx xi ħaġa li setgħet issir kif ġieb u laħaq għax, fl-assenza ta' dokumentazzjoni iswed fuq l-abjad għal ħafna mill-elementi fl-inventarju li kellu jsir, in-Nutar kien jeħtieġlu jdur dawra ġmielha mal-gżira ta' Malta, kif ukoll f'Għawdex, iżur l-għelieqi u l-artijiet li kellhom il-Karmlitani u li kienu mqabbla għand diversi bdiewa, jistma l-kobor tal-firxa ta' kull waħda, jiskopri t-tul taċ-ċnus, x'kienet tirrendi lill-Kunvent kull sena, u dettalji oħra dwar ċnut li kienu jdawruhom, jagħti l-konfini ta' kull waħda bl-irjiħat tagħha, u l-bqija.

Għal dan il-għan, qatgħuha li l-Pirjol u s-Sottopirjol jakkumpanjaw lin-Nutar biex jgħinuh f'din il-viżta li bdiet fl-14 ta' Frar tal-1612 fil-Kunvent stess tal-Lunzjata fil-limiti tar-Rabat, u l-artijiet tal-inħawi. Dawn kienet ħallithomlhom Donna Margarita d'Aragona de Pellegrino, dik il-benefattriċi kbira tal-Ordni f'Malta li lejha jafu l-bidu tagħhom il-Karmlitani. Din kienet għamlet it-testment tagħha fil-5 ta' Ġunju 1418 quddiem in-Nutar Antonio Azzopardo u, fost il-ħafna legati li kienet ħalliet, it-testatriċi kienet tat il-qasam art kollu madwar il-*Knisja tal-Lunzjata* fl-inħawi ta' *San Anard* u *Wied Liemu*, fil-Punent tar-*Rabat*, lil dak l-ordni reliġjuż li kien lest iwaqqaf monasteru madwar dik il-knisja li hi stess kienet reġgħet bniet mill-ġdid matul ħajjitha.[1]



Il-Kappella tal-Lunzjata (limiti tar-Rabat),
l-ewwel knisja u kunvent Karmelitan

Dawn l-artijiet, magħrufa bħala *Ta' San Anard*, kienu mifruxa sew fuq medda ta' 288 tomna u kienu jirrendu xejn anqas minn 93 uqija fis-sena fl-1613. Kienu jinkorporaw ġnien mal-Kunvent ta' sitt itmien u l-għalqa msejħa *Tal-*Ħamrija ta' 26 tomna, qrib il-Kunvent. Barra minn dan it-territorju, fl-inħawi, kien hemm ukoll l-għalqa *Tas-Swatar* ta' 208 itmien. Kellhom hemm ukoll ġardina b'żewġ egħjun fiha, miżrugħa b'siġar tal-larinġ u tal-bajtar, biswit il-*Knisja ta' San Anard*, li kien fiha tmint itmien. Din flimkien ma' ġardina oħra qribha ta' sitt itmien kienu

mqabbla għal ħdax-il uqija oħra fis-sena. F'dawk l-istess inħawi, fil-kuntrata *Ta'* Hofret *Lampa*, kien hemm ukoll ġardina oħra msejħa *Tal-*Harruba ta' tmint itmien oħra, ukoll miżrugħa bis-siġar. Din kienet imqabbla għal dsatax-il rbiegħi fis-sena. F'dik l-istess kuntrata kien hemm għalqa ta' erbgħat itmien imsejħa *Tal-Lunzjata* jew *Ta'* Hofret *Lampa* u, eqreb lejn *ir-Rabat*, fl-inħawi tan-*Nigred*, oħra ta' tlett itmien u nofs u fl-*Għeriexem*, għalqa oħra jgħidulha *Il-*Hbejjel, ta' tomna. Fir-Rabat stess, imbagħad, kellhom dar lejn il-*Knisja ta' San* Ġwann, u fl-*Imdina*, ħanut maġenb *l-Isptar*. Dawn l-għelieqi kollha li semmejna kienu mdawra b'ħitan tas-sejjieħ li, f'dik is-sena, kienu għadhom kemm saru. L-artijiet ta' qrib *il-Lunzjata* kienu ġew mit-testment imsemmi ta' Margarita d'Aragona, filwaqt li dawk ta' ħada *r-Rabat* kienu ġew għand il-Karmlitani minn testment ieħor, dak ta' Katerinella Cassar li kien sar fl-1562.

Fit-8 ta' Marzu ssuktat il-viżta tal-artijiet fl-inħawi tan-naħa t'isfel. Hdejn *H'Attard*, ħarġa raba' mingħajr ħitan, imsejħa *Ta' Bert* jew *Ta' Wied Inċita*, kienet mifruxa fuq medda ta' 18-il tomna. Din l-art, li wkoll ġiet mit-testment ta' Cassar, kienet tirrendi ħames uqijat u sitt irbajja' fis-sena. Ġewwa r-raħal ta' *H'Attard*, imbagħad, kien hemm għalqa msejħa *Il-Hofra* li, b'disgħat itmien, kienet iġġib l-istess dħul.

Fil-Parroċċa estiża ta' *Bikirkara*, kien hemm sebgħat għelieqi jmissu ma' xulxin fl-inħawi *Tal-Għargħar*, jew *L-Imsieraħ*, magħrufa wkoll bħala *Ta' Santa Liena*. Dawn kienu jġibu l-ismijiet *Ta' Prima, It-Taqsisa tal-Għar, Il-*Hofra, *Ta' Siġra, Tal-Knisja, Ta' taħt l-Andar*, u *Tal-Andar*; 34 tomna b'kollox. Mhux bogħod wisq, f'San Ġiljan, dik l-art kollha minn wara l-Knisja ta' Lapsi sa xatt il-baħar, magħrufa bħala *Ta'* Ġiblin – medda ta' għoxrin tomna – flimkien ma' *Tal-Għargħar*, kienet imqabbla għal 13-il uqija u 15-il irbiegħi, u kienet ngħatat ukoll mill-istess Katerinella Cassar. Dar fi *Triq il-Kbira San Ġiljan* għadha ġġib l-isem Ġiblin u fuq l-arkata fi *Triq Sant Anġlu* għad hemm plakka ta' rħam bl-iskrizzjoni EX BONIS COENOBII CARM[ELITARUM] CIV[ITATIS] NOT[ABILIS]. Naturalment, l-ismijiet tat-toroq ta' hemm – *Sant'Anġlu, Tal-Karmnu, San Elija* – għadhom ifakkru r-rabta ta' dik l-art mal-Karmlitani.

Id-dawra ma' Malta, imbagħad, ħadet lill-viżitaturi tagħna lejn l-inħawi tan-*Naxxar* fejn, qrib *Hal Dejf*, sabu l-għalqa *Ta' Giordimaina* li, b'sitt itmien, kienet iġġib tlett uqijat u tmintax-il rbiegħi qbiela fis-sena. Fl-inħawi *t'Alla u Ommu*, jew *Għar Xerri* jew, magħrufa ukoll bħala *Ta' San Pietru*, kien hemm għalqa oħra magħrufa bħala *Tal-Mislem* li, b'sitt itmien, kienet tirrendi uqija u 12-il irbiegħi fis-sena. Minn hemm, 'l isfel lejn *Benwarrad* (illum, *Burmarrad*) fejn, qrib il-*Knisja ta' San Pawl ta' Wied Ansaldin*, setgħu jaraw l-għalqa *Ta Ġlata*, b'firxa ta' ħamest itmien, li kienet imqabbla għal uqija oħra fis-sena.

Minn taħt *il-Bidnija*, il-viżitaturi reġgħu telgħu għan-naħa ta' fuq tat-*Tarġa* u, qrib *San Żakkarija* (illum *Iż-Żokrija*), fejn sabu l-għalqa ta' tlett itmien u nofs imsejħa *Tal-Għerien* u, fl-istess kuntrata *Tal-Bisbisija*, għalqa oħra jgħidulha *Ta' Dors*, b'ġiebja ġo fiha, tal-istess daqs, imqabbla għal uqija u 24 irbiegħi. Għalqa oħra *f'Wied il-Qlejgħa*, jisimha *Il-Ġnejna*, ta' ħamest itmien, kienet imqabbla uqitejn u 12-il irbiegħi fis-sena.

Erbat'ijiem wara, fit-12 ta' Marzu, il-passiġġata fil-kampanja ħadet lill-viżitaturi lejn in-nofsinhar ta' Malta, lejn *Hal Tmin*, qrib *Iż-Żejtun*, fejn għalqa ta' ħamest itmien, jgħidulha *Habel Hawli*, kienet iġġib uqija u sitt irbajja' qbiela lill-Kunvent fis-sena. F'*Hal Safi*, imbagħad, l-għalqa *Ta' Ċennu* kellha firxa ta' sitt itmien u f'*Bir Għisa*, ħada *Hal Millieri*, oħra ta' tmint itmien kienet imqabbla għal ħames uqijat fis-sena. Lejn *Il-Qrendi*, l-għalqa *Tal-Hofra* kellha firxa ta' għaxart itmien u dik *Ta' Sciriha* fl-inħawi *Ta' Toċja*, b'erba' tmien



Margarita d'Aragona
(Pittura li tinsab fil-Kunvent tal-Imdina)

oħra, kienu jirrendu 4 uqijat u 24 irbiegħi. Din id-dawra twila intemmet dakinhar fil-*Wied ta' Tabrija* fejn kien hemm l-għalqa *Ta' Alban*, b'żewġt itmien u żewġ sigħan, flimkien ma' parti minn dar li kienu jirrendu uqitejn u tnax-il irbiegħi fis-sena.

Il-vjaġġ f'Malta ssokta daqs xahar wara meta fl-14 ta' April ta' dik is-sena l-viżitaturi żaru l-inħawi ta' *Ħaż-Żebbuġ*. Hemmhekk, f'*Ħal Mula* kien hemm l-għalqa *Ta' Luisa* ta' tlett itmien u, daqs mil 'il bogħod mir-raħal lejn *Ħal Qormi*, fil-kuntrata ta' *Għarram*, żewġ għelieqi oħra, waħda ta' sebgħat itmien jafuha bħala *Ta' Libjar* u oħra iżgħar ta' tomnejn u nofs isibuha bħala *Tal-Andar*. Imqabbla flimkien ma' dawn kien hemm tnejn oħra, waħda magħrufa bħala *Ħabel Għarib*, ta' tmint itmien, u oħra fil-kuntrata tal-*Latmija Miksura*, jew *Ta' Ramel*, jafuha bħala *Ta' Mula*. Dawn kollha kienu jirrendu lill-Kunvent disgħat uqijat u sitt irbiegħi fis-sena.

L-inkwiet għall-Pirjol u sħabu beda meta kellhom ukoll iżuru *Għawdex*. Huma salpaw lejn il-gżira l-oħra fit-18 ta' April. Bdew iduru qrib *l-Imġarr* fl-inħawi ta' *Mġarr ix-Xini* jew *Ta' San Tawdar* fejn kien hemm medda sabiħa ta' ħdax-il salma (salma jew modd ta' sittax-il tomna), jew mija u sitta u sebgħin tomna, tmiss max-xtajta tal-baħar. Din l-art, kif ukoll il-bqija tal-proprjetà li kellhom f'*Għawdex*, kienet ġiet mil-legat ta' Margarita d'Aragona. Fost dawn, insibu għalqa ta' żewġ salmi f'*Ta' Ċilja*, tmiss mal-benefiċċju tas-*Sebbieħ*, medda art kbira fix-*Xlendi* ta' 15-il salma oħra jisimha *Tal-Lunzjata*, tlettax il-tomna oħra jgħidulhom *Il-Ħbula tal-Lunzjata f'Għar Ilma* li, ilkoll flimkien, kienu jfissru 55 uqija fis-sena għall-*Kunvent tal-Lunzjata*. Dawn barra xi ftit ċekċik ta' djar u ħwienet fir-*Rabat*. Jumejn wara din il-battikata ġew biex jerġgħu lura Malta bid-dgħajsa tal-pass. Dak iż-żmien, bħal-lum, fuq dik id-daqsxejn ta' qoxra kienu jgħabbu mhux biss passiġġieri li riedu jaqsmu bejn iż-żewġ gżejjer, imma wkoll kull xorta ta' merkanzija. Dakinhar, inzerta li fost il-merkanzija kien hemm barri li riedu jġibuh Malta. Dan rabtuh fil-pruwa, imma f'nofs ta' baħar fettillu jibda jagħti bir-ras biex jeħles mill-irbit u saħansitra beda jkisser l-injam tal-mirkeb bi qrunu. Kull min kien abbord libet u beda jaqleb għajnejh lejn is-sema għax kienu ser jispiċċaw jegħrqu, li ma kienx għall-baħrin qalbiena tal-bastiment li seħħilhom iliġġmu l-bhima u jorbtulu saqajh u qrunu sew u jkaxkruh fiċ-ċan tad-dgħajsa. Il-Pirjol u sħabu setgħu jgħodduha b'waħda dakinhar.

Qawwijin u sħaħ lura Malta kien għad baqagħlhom xi xogħol x'jagħmlu. Imma kellha tgħaddi aktar minn sena meta, wara dik id-dehxa reġgħu rabbew il-qalb fit-23 ta' Mejju 1613 u bdew iterrqu għal darb'oħra lejn *Qalgħet il-Għabid*, fuq *Burmarrad*, fejn żiedu mal-lista l-għalqa *Tal-Fas* ta' salma u nofs. Eqreb lejn it-triq tal-*Imġarr*, fl-inħawi tat-*Torri ta' Falka*, jew *Ta' Legano*, kien hemm tomnejn oħra magħrufa bħala t-*Tafal ta' Legano* li lkoll kienu ġew mit-testment ta' Katerinella Cassar. It-tlieta li kienu, reġgħu telgħu 'l fuq lejn l-għoljiet tar-*Rabat* u, qrib Ħal Dingli, fil-kuntrata *Ta' Daħla* ħdejn il-fewdu *Ta' Dejr il-Bniet*, sabu disgħat itmien oħra magħrufa bħala *Fuq ta' Stunica*. U fl-aħħar nett, għalqa oħra n-naħa l-oħra ta' Ħad-Dingli, jisimha *Ħabel Xiħ* ħdejn il-*Knisja tal-Madliena tal-Irdum*, li kellha firxa ta' żewġ salmi.

Minn dan il-katalgu jidher li l-Karmlitani, fis-sena 1613, kienu jippossedu firxa art ta' 'l fuq minn 1,200 tomna li fi qbiela kienu jirrendulhom xejn anqas minn 255 uqija fis-sena. Għal komunità ta' sitta, dan kien ifisser, minn ras għal ras, aktar minn 40 uqija fis-sena, li għal dak iż-żmien kienu jfissru flus. Dan, naturalment, ma kienx xi dħul personali, għax kif hu magħruf, ftit wara daż-żmien, il-patrijiet kienu daħlu għal biċċa xogħol kbira meta bdew jibnu l-Kunvent tal-Imdina biex ikunu jistgħu jaqdu aħjar id-dmirijiet pastorali tagħhom. Dal-ġid kollu kien dovut, prinċipalment għat-testment tal-1418 ta' Margarita d'Aragona, li l-artijiet li ħallitilhom kienu jirrendu xejn anqas minn 184 uqija fis-sena, jew 72% tad-dħul kollu. Il-bqija ġew l-aktar mit-testment tal-1562 ta' Katerinella Cassar, li ħallitilhom 107 tmien art, jew 9% tal-proprjetà kollha, u xi laxxiti oħra żgħar li sas-sena 1613 kiena diġà ntesew.

**Referenza**

[1] Arkivju tal-Katidral, l-Imdina, ACM Misc. 28, ff. 1 *et seq*.